**Kunsill Lokali Safi**

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 3/2024

13 ta' Marzu, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**3.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.1.1 Is-Sindku qal li xtaq jagħti update rigward ref punt 2.2.2 (poles bis-sistema solari tal-public works). Huwa qal li s-Sibt 2 ta' Marzu flimkien mal-public works kien attenda *site visit* Ġnien Dun Karm Vella, l-Ħlantun kif ukoll Ġnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-arbli li kienu urewh il-*Public Works* ma kinux addattati għal Ġnien Sir Alexander Ball għalhekk il-Kunsill kellu jikkonsidra biss Gnien Dun Karm Vella ~~u Misraħ Ħlantun.~~ Is-Sindku għadda żewġ tipi ta' fanali u spjega li l-arbli li kienu ser jeħlu kienu ser ~~ikunu~~ simili tagħhom. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru l-fanali f'dawn iż-żoni.

Is-Sindku qal li l-*Public Works* kienu qed joffru li jagħmlu ukoll dawk l-*areas* fir-rural fejn ma hemmx arbli u m'għandhomx dwal fihom. Is-Sindku spjega li dak in-nhar tas-*site visit* kienu daru ukoll biex jidentifikaw fejn jista' jiżdied id-dawl fir-rural u ssuġġerixxa li hekk kif taqbeż id-*dog park* u minn fejn il-Clearwell Cottage l-isfel setgħu jsiru bl-istess arbli tad-dawl. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li naċċettaw li jsiru l-arbli minn naħa tal-*Public Works* anki f'dawn iż-żoni.

3.1.2 Is-Sindku qal li b'żieda ma ref punt 2.2.4 *(sound system* għal Via Sagra) l-Kunsill ukoll kien jinħtieġilha li jitranġa s-*sound system* li l-Kunsill għandu fis-sala. Huwa spjega li kien tkellem ma persuna li kienet tifhem u li kien qiegħed jieħu ħsieb is-*sound* għal Via Sagra biex naraw l-aħjar sistema li jkollna li tkun tajba kemm għal barra biex tintuża waqt il-Via Sagra kif ukoll għal ġewwa biex tintuża meta jkollna xi attivita' fis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku għadda kwotazzjoni għas-*sound system* addattat bl-ammont ta' €4,180 u fakkar li elfejn Euro minnhom ser jkunu mħallsin mir-Reġjun Punent. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma' din il-kwotazzjoni.

3.1.3 Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk xtaqux iżidu xi ħaġa ref punt 2.2.9 (kiri tas-sala minn partiti politiċi). Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qrat paragrafu li hija ippreparat u li kienet sa tibgħatu lis-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi rranġat il-paragrafu dwar dan il-punt. Il-Kunsill qabel.

3.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 2.7 (Premju Mara 2023/2024) il-persuna nominata kienet Maria Lorraine Gatt, għalliema l-iskola primarja kif ukoll kienet tgħin fi Grupp 9:00am. Is-Sindku qal li s-Sinjura Gatt kienet apprezzat ħafna n-nomina tagħha.

3.1.5 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk l-applikazzjoni SPI/SCI/02/2024 Finanzjament Komunitajiet aktar b'Saħħithom u inklussivi kinitx għalqet għaliex filkaż il-Kunsill seta' jżid inizjattiva oħra. Is-Segretarju kkonfermat li din l-applikazzjoni kienet ser tagħlaq fil-bidu t'April. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ndaħħlu ukoll li jsiru Zumba Classes fejn il-Kunsill ikun jista' jħallas l-instructor l-fees u min jiġi jkun free of charge u sabiex norganizzaw kors għal Taħriġ kif wieħed juża l-AED u kors bażiku fil-First Aid.

3.1.6 Is-Sindku qal li Jum Ħal Safi l-Kunsill kien ser jiġi diskuss aktar tard fil-laqgħa u fl-aħħar laqgħa l-Kunsill kien approva l-membri tal-bord fejn ħallejna l-membri tal-bord tas-sena l-oħra. L-ismijiet huma elenkati fil-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta' Frar.

**3.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.2.1 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi

It-Tħawwil tas-siġar ser isir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Marzu fid-9:30am u li diġa' kienu lesti l-konok.

Il-preżentazzjoni tal-kotba lill-iskola primarja kienet ser issir nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu fit-8:30am.

Is-Sindku qal li l-Erbgħa 20 ta' Marzu fis-1:30pm kienet ser issir il-laqgħa ta' kull xahar mal-*Community Police* sabiex niddiskutu l-*issues* li nkunu diġà' rrapurtajna jew inkella problemi ġodda. Is-Sindku qal li l-kwistjoni tal-karozzi abbandunati issa kienet ser tibda tiġi ndirizzata mill-*Community Police*. Huwa spjega l-proċedura kif għandha ssir sabiex tinġabar karozza abbandunati.

3.2.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iffirma MOU *Dimentia Friendly Locality* sabiex ikun hawn aktar għarfien fuq id-Dimentia. Huwa qal li dan l-MOU issa kien ser jiskadi għaldaqstant staqsa jekk il-Kunsill kienx lest li jerġa' jġedded dan l-*agreement*. Is-Sindku qal li minn naħa tal-*active aging* kienu qed jitolbu li ssir laqgħa fejn inkunu nistgħu nsaħħu dan l-*agreement*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niffirmaw *agreement* ġdid kif ukoll li ssir il-laqgħa.

3.2.3 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex Misraħ Ħlantun int u dieħel għal Triq San Tumas fejn jispiċċa l-*paving blocks* issir mera għaliex il-karozza kienu qed jibqgħu ħerġin b'veloċita' qawwija b'konsegwenza li qed jinħoloq periklu għal min ikun ġej kontra. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir mera biex jitnaqqas il-periklu.

**3.3 Mistoqsijiet għall-Kunsilliera.**

3.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-Kappillan kien kellimha sabiex il-Kunsill b'kollaborazzjoni mal-Kappillan norganizzaw mixja għas-Salib tal-Għolja nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu, 2024. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li norganizzaw it-trasport għal din il-mixja.

3.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm xi Kunsillier li xtaq li jibda jieħu ħsieb il-Mixja ta' Puttinu f'Ħamis ix-Xirka għaliex hija ma setgħetx din is-sena. Il-Kunsill iddiskuta pero' ma kienx hemm rispons għal din it-talba.

3.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa kif kien baqa' l-Kunsill minħabba l-kameras tac-CCTVs ta' Żurrieq Road. Is-Sindku kkonferma li għal dan it-tender kien hemm appell li waqa' pero' ma kienx jaf kif baqa' r-Reġjun, għalhekk kellu jistaqsi lill-President.

3.3.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk *Transport Malta* kienux bagħtu risposta rigward *ż-żebra crossing* ta' Triq San Pawl. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għalkemm waqt laqgħa li kienu attendew is-Sindku, il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker u hija *Transport Malta* kienu kkonfermaw li din ġiet approvata. Il-Kunsill f'dan l-istadju kien għadu ma rċieva xejn.

3.3.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk ix-xogħolijiet tal-culverts fi Triq is-Summien kinux bdew. Is-Sindku kkonferma li x-xogħolijiet kienu mixjin sew, il-main tad-drenaġġ u s-servizzi diġà kienu lesti, kif ukoll ġa kienu għaddew il-cables. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill ma rċieva l-ebda lment minħabba x-xogħolijiet li qed isiru.

Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill ma kellux data meta kienu ser jibdew bix-xogħolijiet tal-cables tad-dawl li l-Kunsill kellhom jgħaddu minn ħdejn il-Mitħna tax-Xarolla lejn Triq iż-Żurrieq u Triq l-Iskola. Il-Kunsillier Mark Cocker staqsa jekk Triq iż-Żurrieq kinitx ser terġa' ssir mill-ġdid u s-Sindku kkonferma li sa issa hekk kienu l-pjanijiet.

**3.4 Jum Ħal Safi**

3.4.1 Is-Sindku qal li l-quddiesa ta' radd ta' ħajr din is-sena ser issir fid-9:00am u li kienet ser issir l-istess ħin mal-pubbliku.

Is-Sindku qal li peress li l-quddiesa ser issir aktar kmieni kien tkellem ma min hu responsabbli mill-banda sabiex din is-sena intawlu ftit il-ħin tal-banda u ddur id-dawra tal-purċisjoni l-antika, wara tibqa' tiela' lejn il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li l-Banda setgħet tibqa' ddoqq ftit marċi fil-pjazza għaliex hekk titgawda minn firxa akbar ta'nies. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal li għal waqt is-serata fejn jingħata Ġieħ Premju Onorifiċenza flimkien ma' Nuove Ensamble kien ser ikun hawn ukoll persuna li ser jaqra silta minn ktieb u persuna oħra minn Grupp Vers Agħtini.

Is-Sindku qal li n-nominazzjonijiet għal Premju Onorifiċenza issa bdew jintlaqgħu.

Is-Segretarju għaddiet il-kwotazzjonijiet għar-riċeviment tal-Ħadd. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jagħżel l-orħos kwotazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa meta ser ikun lest il-programm għas-serata Premju Onorifiċenza. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għadu qed jaħdem fuqu.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker issuġġerixxa li l-Kunsill seta' jagħmel wirja tal-pittura żgħira fil-foyer. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ssir.

Is-Segretarju fakkret li s-Sibt filgħodu ser issir il-*World Book Day* mid-9:00 sa nofsinhar kif ukoll l-inawgurazzjoni tal-Melitensia fl-10:00am.

**3.5 Korrospondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat applikazzjoni lill-Kunsill li kien irċieva sabiex issir *personalised keep clear* ta' 1.5metres fi Triq l-Iskola. Il-Kunsill iddiskuta din l-applikazzjoni li sa tintbagħat lil *Transport Malta.*

**3.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**3.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-6:04pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 22 ta' April, 2024 fil-5:00pm.

Johan Mula
Sindku
Eżekuttiv

Doris Baldacchino
Segretarju